

# Meta Grognet qabżitlu



**Kitba ta' Joe Quattromani**

Drama qasira li nkitbet u nħadmet bħala parti miċ-ċerimonja ta' Jum il-Mosta 2004

Għal min qatt ma sema' bih jew ma jafx min hu, forsi jistaqsi 'Min hu Grognet?'

Giorgio Grognet de Vasse kien l-arkitett u inġinier li ħażżeż il-pjanti u kien responsabbli għall-bini tal-knisja rotunda tal-Mosta.



*Bust ta' Grognet li jinsab il-Mosta*

Grognet twieled il-Belt Valletta fl-1714 minn nisel Franċiż. Minn età żgħira kellu x-xewqa u beda jistudja biex jilħaq qassis, iżda f'żgħożitu biddel fehmtu u daħal fil-militar. Wara karriera militari beda jistudja u jipprattika l-arkitettura. Fl-1834 iżżewweġ lis-Sinjura Orsetta delle Girasole Paleologo u baqa' joqgħod il-Belt. Waqt il-bini tar-rotunda għex f'dar privata propjetà tan-Nutar Francesco Chetcuti. Illum l-istess dar, bl-isem Villa Grognet, fi Triq il-Kbira, il-Mosta, biswit l-istatwa ta' San Ġużepp, għadha tinsab fi stat tajjeb ħafna. Giorgio Grognet miet fl-1862 u kif kien xieraq indifen fir-rotunda li bena.



*Villa Grognet*

Narratur: Il-Mosta kienet ilha magħquda mal-matriċi tan-Naxxar għal 172 sena. Meta fl-1608 l-Isqof Tumas Gargallo ġie jagħmel żjara pastorali, insibu li kiteb dan li ġej.

Gargallo: Billi l-esperjenza twila sal-lum turina li l-kappillan tan-Naxxar ma jistax jilħaq mat-tqassim tas-sagramenti minħabba l-bogħod, u billi din l-imsemmija knisja parrokkjali għandha 1,100 parruċċan li minnhom 800 jqerru u jitqarbnu, u wara li wieħed qies il-bogħod ta' madwar 3 mili mill-Mosta, li għandha 180 dar b'900 ruħ u t-triq li hija ħażina u kollha ħaġar, skont kap 4 tal-Konċilju ta' Trentu *De Reforn* fuq il-bini tal-knejjes, bir-rieda tal-Imqaddes Pawlu V u tas-Sede Appostolika nifirdu u nagħżlu mill-knisja tan-Naxxar l-imsemmi raħal tal-Mosta. Din il-firda għandha sseħħ nhar is-16 ta' Settembru 1608. Nagħmlu u nqiegħdu li l-knisja ewlenija tar-raħal tal-Mosta bħala parroċċa tkun iddedikata lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema, bid-drittijiet, l-unuri u l-piżijiet u d-dħul kollu li huma soltu jimxu ma' knisja parrokkjali.

Tomasu, Isqof ta' Malta

Narratur: Madankollu, għalkemm b'dan id-digriet, sakemm il-kappillan tan-Naxxar kien għadu ħaj id-drittijiet ewlenin ma seta' jmisshomlu ħadd. Kien wara ħafna tgergir u korrispondenza mill-Mostin mal-Isqof Gargallo, u wara l-mewt tal-kappillan Naxxari, li fis-27 ta' Lulju 1610 l-Mosta ngħatat l-artijiet u d-deċenni tas-soltu. Fl-10 ta' Novembru 1610 l-isqof ħatar lil Dun Ġwann Bezzina biex ikun l-ewwel kappillan tar-raħal. Insibu li dak iż-żmien fil-knisja kellna knisja mdaqqsa ġmielha li kienet taqdi l-bżonnijiet tal-abitanti. Iżda hekk kif ir-raħal sar parroċċa, il-bini tad-djar kif ukoll l-għadd ta' nies bdew jiżdiedu tant li wara biss 37 sena d-djar telgħu għal 344 u l-popolazzjoni għal 1579 ruħ. Iż-żmien għadda u l-knisja l-qadima saret żgħira wisq biex tilqa' n-nies kollha tar-raħal. Barra minn hekk xi partijiet mill-knisja l-qadima kienu ġa bdew jiġġarrfu.

Kien fl-1815, fi żmien il-Kappillan Dun Feliċ Calleja, li kien għadu kemm irritorna Malta wara l-ewwel quddiesa tiegħu fil-Pantheon ta' Ruma, li kompla kattar u seddaq iktar ix-xewqa kbira tal-Mostin għal knisja ġdida ikbar u isbaħ.

Iżda bħal dejjem fost il-poplu kien hemm opinjonijiet differenti. Min ried li titwaqqa' l-qadima u titla' oħra minflokha, waqt li oħrajn riedu li l-knisja l-ġdida titwaqqaf band'oħra, biex ma jkunx hemm il-bżonn li tinħatt il-qadima.


*Ir-Rotunda tal-Mosta - il-kapulavur ta' Grognet*

Sadattant ħafna periti bdew iħożżu knisja ġdida. L-arkitett u inġinier Ġorġ Grognet de Vasse kien sema' b'dak li nqala' fuq il-knisja l-qadima tal-Mosta, u mill-ewwel ġieh il-ħsieb ta' knisja tonda li fiha tilqa' l-qadima sa ma titlesta l-ġdida. B'hekk il-Mostin ma jibqgħux mingħajr knisja. Bħall-periti l-oħra lesta d-disinn u bagħtu biex jarawh. Kellu perit li tintgħażel tiegħu u wiegħdu li ma jeħdux ħlas ta' xogħolhom.

Hekk kif id-disinn ta' Grognet ġie f'idejn il-Kappillan Calleja, dan mill ewwel issaħħar fuqu. Sejjaħ kumitat u saret l-ewwel laqgħa fil-5 ta' Awwissu 1832. Hemm intbagħat rikors lill-isqof:

Calleja: Eċċelenza Reverendissima,

Dun Feliċ Calleja, Kappillan tal-knisja tal-Mosta u l-kappillan kuġitur tiegħu Dun Ġanmarì Schembri, sudditi l-iktar fidili u servi tal-Eċċellenza tiegħek Reverendissima, bl-ikbar rispett jgħarrfuk illi biex iwettqu r-rieda tiegħek, Eċċellenza, għall-bini ta' knisja parrokkjali, nhar il-Ħadd, 5 ta' Awwissu għajtu l-ewwel laqgħa tal-kleru, tal-prokuraturi u l-aqwa nies tar-raħal. F'din il-laqgħa ġew magħżula bil-ftehim u r-rieda ta' kulħadd il-ministri tal-fabbrika l-ġdida. Għaldaqstant, sabiex il-ministri jkunu jistgħu jagħtu ruħhom għax-xogħol ta' opra hekk qaddisa, nitolbu bl-umiltà kollha li inti twettaq din l-għażla, jekk l-Eċċellenza Tiegħek Rev. ma jogħġobhiex mod ieħor. U ta' dan jibqgħu dejjem jafuhulek.

Narratur: Fit-13 ta' Ottubru tal-istess sena mill-Palazz Arċiveskovili tal-Belt, taħt il-fehma ta' Franġisku Saverju, Isqof ta' Malta, ħareġ dan id-digriet:

Calleja: Inwettqu l-għażla tas-Sinjuri Ministri u nwiddbu bl-ikbar ħila lil kull wieħed minnhom biex jagħmel kulma jista' biex jitkattar it-twemmin illi n-nies tal-Mosta ħassew minn qabel meta għamlu l-għażla tagħhom.

Narratur: Kienet għadha ma waslitx it-tweġiba mingħand l-Isqof li l-istess Kappillan Mosti u l-kuġitur tiegħu kitbu rikors lill-Gvernatur ta' Malta. Bi ftit taħbit ir-rikors għadda u l-permessi biex jiġu esproprijati xi artijiet ingħata wkoll. Iżda l-polemiċi ma naqsux. Kien hemm min qal li knisja bħalma ħażżeż Grognet qatt ma tasal biex tinbena f'raħal żgħir bħall-Mosta. Jingħad li kien l-Isqof Caruana stess li oppona għall-pjanta ta' knisja tonda. Twaqqfu l-partiti, wieħed favur u l-ieħor kontra. Iżda l-poplu Mosti ngħaqad flimkien mal-Kappillan u insista għar-rotunda. Ix-xogħol fuq ir-rotunda beda kif ippjanat. Fis-16 t'April tal-1833 Ġorġ Grognet kiteb hekk:

Grognet: Lill-Onorevoli Sinjuri Deputati tal-Mosta:

Ġorġ Grognet, arkitett inġinier, juri bil-qima kollha illi għad li huwa qal ħill-bidu nett quddiem id-dinja kollha li huwa lest iqiegħed ħinu kollu u jagħmel kulma jista' għall-bini tal-knisja l-ġdida, illum qiegħed jitlob biss 10 irbajja', li huma suffiċjenti biss għall-għajxien ta' kuljum.

Huwa jista' jgħid li jinsab onorat ħafna bl-għażla tad-disinn tiegħu, u iktar u iktar talli ġiet imħollija lilu difna ta' qima fil-knisja l-ġdida. Imma billi l-bniedem ma jgħixx biss bil-ħobż, hekk huwa ċar illi l-glorja waħedha mhux biżżejjed biex bniedem jirnexxielu biex jgħix, mhux fil-ħela iżda f'dak li ma jgħaddix mingħajru. Dan qed nagħmlu mingħajr ma nitlob dak li jistħoqqli għax-xogħlijiet li diġà għamilt mingħajr waqfien għat-tempju l-ġdid.

Kieku kont għani, jew tal-anqas mhux daqshekk magħfus, jew mhux daqshekk batut, lanqas dan ma kont nitlob. Il-maħbub arkitett tagħkomillum qed iġib dan quddiemkom. Il-bżonn... u bir-raġun ikolli noqgħod intella' u nniżżel, Onorevoli Deputati, dak li nħoss jekk ikolli nitlaq opra li diġà bdiet tant tajjeb. Kif tafu intom, jiena saħansitra tlaqt id-dar tiegħi tal-Belt, u biex inkun dejjem magħkom f'kulma jinqala' ġejt noqgħod fir-raħal għażiż tagħkom.

Il-qaddej fidil tagħkom, l-iktar baxx, devot u maħbub.

Ġorġ Grognet

Narratur: Id-deputati laqgħu t-talba ta' Grognet li kulma kien qed jitlob kemm jgħix ħażin ħażin. Wara li sar it-tħaffir għall-pedamenti, nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju sar it-tqegħid tal-ewwel ġebla.

L-Isqof Caruana ħatar lil Dun Salv Lanzon, għaref tas-Sagra Teoloġija, Arċidjaknu u Vigarju tal-Knisja u l-Katidral ta' Malta, biex floku jassisti għat-tqegħid tal-ewwel ġebla. Huwa ġie fil-pjazza tal-Mosta, fejn in-nies ta' dan ir-raħal b'ħerqa kbira jridu jibnu knisja ġdida taħt l-isem tal-Beata Marija Verġni. F'dak il-post huwa poġġa salib tal-injam.


*Sir Frederick Cavendish Ponsonby*

Din il-biċċa li l-Isqof Caruana bagħat lill-Vigarju tiegħu għall-funzjoni flok ġie hu għal biċċa xogħol hekk kbira ma daqqet xejn tajjeb man-nies tar-raħal. Għall-kuntrarju, kemm ferħu meta l-Gvernatur Frederick Cavendish Ponsonby għamlilhom żjajjar ta' spiss biex personalment jara kif sejjer ix-xogħol. Jingħad li Ponsonby saħansitra tahom għodod u armar li kienu jeħtieġu.

Għedna diġà li Grognet ġie joqgħod fostna, iżda mhux l-ewwel darba kien jeħtieġlu jmur il-Belt, kemm biex jaqdi l-bżonnijiet tiegħu kif ukoll għall-ħtiġijiet tal-knisja. Jekk ikollu bżonn iwarrab, ħadd ma seta' joħroġ barra mill-Mosta dawk id-disinni kollha li jkun ħażżeż. Għaldaqstant, biex jiġu evitati aktar polemiċi, għax il-polemiċi ma naqsu qatt, saru arranġamenti li l-arkitett ma setax iħalli l-Mosta għal iktar minn ġimgħa fix-xahar.

Biex niġu għas-suġġett tagħna, mela, nhar l-Erbgħa, 12 ta' Marzu 1834 insibu li Grognet kiteb hekk:

Grognet: Meqjumin Sinjuri Deputati:

Billi kif tafu intom jien kelli mmur il-Belt Valletta għal disat ijiem minħabba xi ħwejjeġ ta' interess li ma stajtx inħalli għal tul ta' żmien, u billi rġajt lura lbieraħ filgħaxija, kelli nara xi ftit filati tal-koxox tal-bieb il-kbir tal-knisja l-ġdida mibnijin fuq profil l-iktar ikrah u ta' gost l-aktar imħassar – ħaġa li ma kontx nistenna u li ttini għali. Dak li jgħaġġibni l-iżjed huwa meta naf li qabel tlaqt għall-Belt jien ħallejtilkom żewġ profili ta' gost aktar safi, biex intom tkunu tistgħu tagħżlu minnhom. Qatt ma kont nemmen li għall-veru ġmiel jew għall-mibegħda ħażina tal-arti intom kellkom tħallu li minflokhom isir żball bħal dan.

Jekk qatt tgħiduli li intom għandkom id-dritt u l-jedd li tagħmlu kulma jogħġobkom fil-knisja l-ġdida tagħkom, mingħajr ħadd ma jista' jindaħlilkom, jien ma ngħidilkomx li mhux hekk, ħalli jkun kif tgħidu intom, iżda jekk intom għandkom il-jedd li ttebbgħu opra li diġà għamlet lir-raħal tagħkom imsemmi ma' kullimkien, jiena ma nibqax responsabbli tax-xogħol tal-imsemmija knisja, u lanqas kemm indum nieħu ħsieb jien ma nista' nħalli xi bennej jew bniedem ieħor li ma jafx dik is-safja teorija tal-arkittetura jħassar edifiċju hekk sabiħ u li jiswa l-flus.

Jien għaldaqstant irrid infehemkom li jekk ma tneħħux dik il-koxxa falza li bnejtu fil-bieb il-kbir, bil-qilla kollha mil-lum 'il quddiem ma jista' jkollu l-ebda qawwa l-kuntratt li għamilna bejnietna, u għalhekk jiena nkun meħlus u maħlul minn kull rabta. B'hekk tkunu tistgħu tkomplu tibnuha kif jogħġob lilkom, l-għaliex wara kollox intom is-sidien ta' dak li hu tagħkom.

Dan qed ngħidhulkom bħala ħbieb. Bil-kelma t-tajba wrejtkom li jien ma noqgħodx għal dan. Sa tlett ijiem żmien nistenna kelma sewwa u ta' sodisfazzjon, biex fuq it-tweġiba tagħkom jien inkun nista' nara x'għandi nagħmel.

Bl-unur nerġa' ntenni,<br>Is-serv devot tagħkom,<br>Ġorġ Grognet

Narratur: It-tweġiba ħarġet waħedha. Il-koxox tal-bieb il-kbir inħattew malajr u minflokhom tqiegħdu oħrajn fuq id-disinn ta' Grognet.